MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 773/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**John u Geraldine mizzewgin Borg**
**Karta ta' l-identita` bin-numru 39978 (M) u 594363 (M) rispettivament**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat id-9 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet is-segwenti tramite r-rapprezentant taghha:

1. Illi in forza ta' zewg kuntratti in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa`, it-tnejn datati l-10 ta' Settembru, 2003, l-intimati fuq indikati ddikjaraw li huma veru, certi u likwidi debituri tas-socjeta` rikorrenti ghas-

somma ta’ sitta u sebghin elf, tmien mija u disghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu, (€76,890.29), flimkien ma’ l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi sal-pagament effettiv;

2. Illi skont l-istess rikors promotur, sal-gurnata tal-prezentata tar-rikors promotur, l-ammont in dizamina tela` ghal mija u tmint elef, tmien mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€108,858.85), kif indikat fl-istess rikors;

3. Illi ormai ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratti fuq indikati setghu jigu ezegwiti u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost is-socjeta` rikorrenti titlob is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti tigi awtorizzata tezegwixxi l-kuntratti fuq riferiti;

2. Illi dan, isir ukoll bl-ispejjez kontra l-intimati fuq indikati;

Ikkunsidrat:

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li ghalkemm debitament notifikati l-istess intimati naqsu li jintavolaw risposta kont il-ligi u ghalhekk jinstabu fi stat ta’ kontumacja;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-intimati huma vinkolati bit-termini tal-kuntratti fuq indikati datati l-10 ta' Settembru, 2003, in atti tan-Nutar fuq indikat;

Illi jirrizulta li min dak inhar sa llum l-intimati, wara li hadu pussess tal-ammonti ta' flus lilhom mislufa mill-bank rikorrenti, naqsu li jottemporaw ruhhom mal-kondizzjonijiet minnhom hemm pattwiti, nonostante d-diversi nterpellanzi biex jaghmlu dan;

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess tilqa` t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tawtorizza lill-bank rikorrenti jezegwixxi l-kuntratti fl-ismijiet fuq gia` riferiti u datati l-10 ta' Settembru, 2003, redatti in atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa`; u dan,

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi, kontra l-intimati John u Geraldine mizzewgin Borg.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------